

## **Ir-riforma tal-PKS – ir-Rendiment Massimu Sostenibbli**

### **Għaliex il-politika l-ġdida għandha tkun ibbażata fuq ir-Rendiment Massimu Sostenibbli [Maximum Sustainable Yield - MSY] sal-2015?**

75% tal-istokkijiet tal-ħut tal-UE huma mistada ż-żejjed, meta mqabbla ma' 25% fuq medja madwar id-dinja. Dan is-sajd żejjed fl-UE jagħmel ħsara lill-istokkijiet tal-ħut, iwassal għal qabdiet inċerti u jagħmel l-industrija tagħna tas-sajd finanzjarjament vulnerabbli. L-istokkijiet tal-ħut fraġli jwasslu għal qabdiet inferjuri u dan imbagħad iwassal għal aktar sajd. Illum, l-istokkijiet mistada ż-żejjed huma fil-biċċa l-kbira magħmula minn ħut iżgħar u ta' valur inqas. Dawn jintremew lura fil-baħar jew minħabba l-valur kummerċjali baxx tagħhom jew minħabba li huma taħt id-daqs minimu.

Jeħtieġ li dan iċ-ċirku vizzjuż jitkisser. Din hija l-idea wara l-MSY, li jirrappreżenta l-akbar qabda li tista' tittieħed minn stokk tal-ħut partikolari matul perjodu indefinit mingħajr ma ssirlu l-ħsara. Il-ġestjoni tal-istokkijiet skont l-MSY se tisser bidla minn sajd iddisprat tal-istokkijiet tal-ħut iżgħar għal sajd razzjonali tal-istokkijiet tal-ħut abbundanti. Se twassal għal stokkijiet akbar, u għalhekk potenzjal ogħla tal-qbid, marġinijiet ogħla tal-profitti u rendiment ogħla mill-investment – fi kliem ieħor, dħul addizzjonali għall-industrija tas-sajd tagħna. Se ġġib ukoll qabdiet ta' ħut akbar li jġibu prezzijiet tas-suq ogħla għal kull kilogramma. Bis-saħħa ta' qabdiet anqas ta' ħut iżgħar milli suppost, se jkun hemm anqas pressjoni għar-rimi. Barra minn hekk, peress li jittieħed anqas ħin tas-sajd biex tinqabad tunnellata ħut minn stokk abbundanti milli minn stokk iżgħar, dan għandu jnaqqas ukoll l-infiq fuq il-fjuwil kif ukoll l-emissjonijiet tal-karbonju tal-bastimenti tas-sajd. Fl-aħħar nett il-konsumaturi se jkollhom ħafna aktar għażla ta' ħut minn stokkijiet ta' ħut tal-UE f'saħħithom.

L-Istati Membri u l-UE taw l-impenn tagħhom għall-għan tal-MSY kważi tletin sena ilu fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982. Dawn imbagħad reġgħu kkonfermawh fil-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istokkijiet tal-Ħut tal-1995, fl-2002 fid-Dikjarazzjoni ta' Johannesburg u fl-aħħar nett fl-2010 f'Nagoya. L-imsieħba internazzjonali importanti, bħall-Istati Uniti u l-Awstralja, diġà għamlu progress f'din id-direzzjoni waqt li l-UE waqqgħet lura.

### **Kif jista' jintlaħaq l-MSY fis-sajd tal-UE?**

L-aħjar mod għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut skont l-MSY huwa permezz ta' pjanijiet multiannwali. L-istabbiliment tal-mortalità tas-sajd li jinkiseb bi pjan huwa l-aħjar miżura ta' ġestjoni biex tkun żgurata stabbiltà minn sena għall-oħra. Pjanijiet multiannwali għandhom jistabbilixxu r-rati tal-mortalità f'livell li jista' jgħinna biex maż-żmien niksbu stokkijiet akbar.

### **X'progress sar sal-lum mill-UE fuq l-MSY?**

Għadd ta' pjanijiet eżistenti ta' ġestjoni fit-tul huma bbażati fuq il-prinċipju tal-MSY. Mill-2010 'l quddiem l-Kummissjoni bdiet tibbaża l-proposti tagħha għat-TACs u għall-kwoti annwali fuq il-parir xjentifiku u bil-għan li l-MSY jinkiseb sal-2015. L-industrija tas-sajd fl-Ewropa wriet li hu possibbli li jkun hemm trasferiment għall-MSY, għaliex dan diġà sar għal 11-il stokk, jiġifieri għal-lingwata fi Skagerrak, fil-Kattegat u fil-Baħar Baltiku, fil-Fliegu tal-Punent, fil-Baħar Ċeltiku; għall-haddock tal-Baħar tat-Tramuntana, għall-Rockall Haddock; għall-aringa fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Punent tal-Iskozja u fil-Baħar Ċeltiku, għall-megrims fi Spanja u fil-Portugall u għall-Ksampu fil-Baħar tat-

Tramuntana. Dawn l-istokkijiet kollha llum huma mistada b'mod sostenibbli b'żidiet fil-ħatt l-art u fid-dħul għas-sajjieda u għall-komunitajiet kostali. Barra minn hekk għadd ta' stokkijiet oħra jinsabu fit-triq it-tajba lejn l-MSY sal-2015. Il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant huwa eżempju ċar ta' azzjoni determinata li gābet l-isfruttament żejjed tas-sajd u b'mod serju sa livell sostenibbli u l-kwoti qed jiżdiedu minn sena għal sena.

### **Kif jista' jinkiseb MSY għall-istokkijiet b'nuqqas ta' dejta?**

Sabiex ikun hemm informazzjoni affidabbli li tiddetermina l-MSY jeħtieġ li jkollna dejta affidabbli dwar is-sajd. Bir-riforma se jkun hemm żewġ żviluppi li se jwasslu għal din id-dejta affidabbli: l-ewwel nett, l-obbligu li l-qabdiet kollha jinħattu l-art (għall-kuntrarju tal-estimi attwali dwar id-dejta tal-ħut mormi); it-tieni, sħubijiet ġodda bejn is-sajjieda u x-xjenzati. Dawn se jsaħħu l-għbir ta' dejta iktar affidabbli dwar il-qabdiet u se jtejbu b'mod sinifikanti l-bażi tal-għarfien għad-determinazzjoni tal-MSY.

### **Kif għandu jiġu ttrattat l-MSY fis-sajd imħallat?**

Fis-sajd imħallat, għandu jkun l-istokk l-aktar vulnerabbli li jiddetermina l-limiti tal-isfruttament għall-ħut l-oħra kollha meħuda fl-istess sajd. Dan huwa l-uniku mod kif nassiguraw li l-MSY jintlaħaq għall-istokkijiet kollha f'sajd partikolari. Pereżempju, sabiex jintlaħaq l-MSY għas-sajd tal-lingwata, jeħtieġ li s-sajd għall-barbun tat-tbajja' (u għall-istokkijiet ta' qabdiet inċidentali) ikun aġġustat skont dan u jista' jimplika mortalità tas-sajd inqas mill-MSY għall-barbun tat-tbajja'. Fl-istess ħin is-sajjieda jistgħu jnaqqsu l-impatt tas-sajd fuq l-ispeċijiet l-aktar vulnerabbli billi jużaw tagħmir aktar selettivi. L-irkapti selettivi se jkunu parti minn pjanijiet multiannwali u miżuri tekniċi u se jkunu jistgħu jiġu adattati mill-Istati Membri għar-rekwiżiti speċifiċi tas-sajd inkwistjoni permezz tar-reġjonalizzazzjoni.

F'għadd ta' żoni tas-sajd l-istokk l-aktar vulnerabbli huwa fl-istess waqt l-aktar wieħed prezzjuż. Dan huwa l-każ pereżempju għall-merluzz fis-sajd tal-whitefish u għall-lingwata fis-sajd tal-ħut ċatt. L-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd korrispondenti ftali sajd imħallat se jirrikjedi l-iffissar ta' rati ta' MSY għal kull wieħed minn dawn l-istokkijiet u l-ICES bħalissa qed taħdem fuq dan.

### **L-MSY fil-kuntest internazzjonali**

Fil-kuntest internazzjonali jeħtieġ li l-UE tapplika l-istess prinċipju li tapplika għaliha nnifisha. Meta taġixxi f'isem l-UE, il-Kummissjoni se jkollha l-għan li tintegra l-objettiv tal-MSY fil-pożizzjoni ta' negozjar tagħha, billi tibbaża ruħha fuq il-parir jew l-input xjentifiku.

### **Sadanittant x'se nagħmlu?**

Hemm kunsens li fuq perjodu ta' żmien medju l-MSY se jiżgura s-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika. Il-kwistjoni hija kif se jirnexxilna u l-Kummissjoni tinsab determinata li tgħin l-industrija tas-sajd u l-komunitajiet kostali jlaħħqu mat-tranżizzjoni. Minħabba dan ipproponiet EMFF b'saħħtu b'katalgu sħiħ tal-possibilitajiet ta' finanzjament għall-industrija tas-sajd inkluż b'fondi

- għall-industrija tas-sajd bil-għan li jkunu żviluppati metodi tas-sajd iktar selettivi
- għas-sidien tal-bastimenti u għas-sajjieda biex jipparteċipaw fil-provi tas-selettività

- għal laqgħat ta' djalogu soċjali tal-industrija tas-sajd fi u madwar l-Istati Membri biex jiskambjaw ideat u l-aħjar prassi
- għat-taħriġ u għall-kwalifiki professjonali sabiex isiru midħla fl-irkapti innovattivi
- għad-diversifikazzjoni tas-sajjieda fuq skala żgħira
- għall-industrija tas-sajd biex tiġbor dejta speċifika, kemm dejta bijoloġika kif ukoll dik soċjoekonomika
- għall-inizjattivi ta' kummerċjalizzazzjoni sabiex jkunu żviluppati marki ta' distinzjoni għall-prodotti, bħal "ħut MSY"
- għas-sajjieda biex jipparteċipaw fir-reġjonalizzazzjoni b'mod attiv billi jressqu proposti konkreti dwar kif jista' jinkiseb l-MSY sal-2015.